KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 12/7/194/15

**Minuti tal-Laqgħa Nru. 12**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċini amministrattivi, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tlieta 19 ta' Jannar 2015. Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm. Għal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Roderick Spiteri, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, l-Kunsillier Nicholas Seychell, l-Kunsillier Tyrone Muscat u l-Kunsillier Ivan Bartolo.

Kien hemm preżenti wkoll is-Segretarju Eżekuttiv Kurt Scerri.

Il-Viċi Sindku Steven Axisa kien skużat.

1. **Minuti**

1.1. Il-Minuti nr.11 ġew approvati *nem com.*

2. **Korrispondenza**

2.1. Ittra mingħand il-Kap ta' l-iskola A sabiex il-Kunsill Lokali Paola ikollu reklam fil-ktieb ta' l-iskola Skolarinu . Il-membri qablu li jagħmlu dan għall-prezz ta' €100.

2.2. Ittra mingħand l-iskrivana Josephine Camilleri sabiex l-impjegata Alison Panzavecchia tiprogressa għal Skala 10 hekk kif nnotat fil-Memo 8/2015 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Il-membri approvaw.

2.3. Talba mingħand is-Soċjeta De Paule sabiex il-Kunsill Lokali Paola jikkollabora fl-organizzazzjoni tal-Ballu tal-Karnival organizzat mill-għaqda. Il-membri approvaw.

2.4. Ittra mingħand id-Dipartiment għall-promozzjoni tas-Saħħa sabiex isiru lezzjonijiet b'xejn ta' l-*aerobics* fil-Kunsill mill-istess Dipartiment. Dawn il-klassijiet jiġu ssusidjati totalment mill-istess Dipartiment. Dan l-istess dipartiment talab ukoll biex jagħmlu talks rigward is-saħħa. Il-membri approvaw.

2.5. Is-Segretarju ippreżenta lil membri ir-rapport ta' l-Awditur għas-sena 2014 u elenka il-punti relatati mal-operat tal-Kunsill Lokali Paola.

2.6. Talba mingħand id-Dipartiment ta' l-artijiet sabiex jitħallas l-ammont dovut għall-kera tal-grawnd ta' Pace Grasso. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fid-dawl tad-diskussjonijiet li kienu qed isiru fil-Kunsill b'rabta ma' dan il-post xtaq jikkonferma

jekk il-Kunsill hux fil-ħsieb li jerġa jikri dan il-post għal-sena sħiħa. Is-Sindku qal li l-użu tal-post bħala parkeġġ naqas ħafna u apparti min hekk kien hemm anke talba mill-Gvern sabiex dan jingħata lura u l-parkeġġ jitħaddem mill-Gvern sakemm anke joħorġu l-permessi neċessarji għal bini ta' dan il-post. Wara li iddiskutew din il-materja il-membri approvaw li jingħata lura. Il-membri qablu wkoll li fid-dawl li l-quddiem ser ikollu vettura ġdida ikun għaqli li l-flus tal-kirja jintużaw biex jinkera garaxx.

2.7. Żewġ talbiet għall-ħsarat li saru fit-*tyres* ikkawżati minn ħofor li kien hemm fi Triq il-Kampanella u Triq Brittanja. Il-membri iddiskutew dawn iż-żewġ talbiet u approvaw li titħallas il-ħsara ta' tyre wieħed wara li raw li d-dokumenti kollha meħtieġa kienu preżentati. Il-Kunsillier Ivan Bartolo xtaq jistaqsi meta ser jibda il-*patching* u s-Sindku irrisponda illi dan ix-xogħol beda illum stess u ser jitkompla ix-xogħol f'dawk il-partijiet tat-toroq l-aktar gravi. Is-Sindku informa lil membri illi ser jibda wkoll ix-xogħol tal-marki taż-żebgħa fil-ġranet li ġejjin.

## 3. <u>Aġġudikazzjoni Sejħa għall-Offerti Vettura Elettrika</u>

3.1. **Il-Kunsill irrisolva ruħu f'Kumitat tal-Għażla tal-offerti** fejn iddiskuta l-offerti li kienu waslu għand il-Kunsill Lokali b'rabta mal-offerta maħruġa mill-Kunsill numru 4/2015 għal-Van li jopera bl-elettriku. Is-Segretarju informa lil membri li kienet waslet offerta waħda mingħand Kind's Ltd, liema offerta kienet tinkludi iż-żewġ għażliet kif mitluba mill-Kunsill jiġifieri wieħed ta' 5 seats u l-ieħor bi 3 seats. Il-prezz ta' l-offerti kien:

| OPTION A (5 SEATER) | OPTION B (3 SEATER) |
|---|---|
| €32,370 | €30,770 |

3.2. Wara li iddiskutew iż-żewġ għażliet u raw li t-tender kellu d-dokumenti kollha meħtieġa l-membri ppproponew li t-tender jingħata lil Kind's u tintagħażel *Option A.*

3.3. Il-Kunsill Lokali qabel li tingħata l-offerta lil Kind's Ltd. b'option A. Il-Membri qablu wkoll li għanda tinxtara rack għas-saqaf u li jinkera garaxx għall-istess van. Il-Kunsillier Spiteri qal ukoll li importanti li l-ħaddiema jieħdu ħsieb dan il-van fejn fost l-oħrajn ma jsirx tipjip fil-van u jekk issir il-ħsara dawn iħallsu għall-ħsara li jikkaġunaw fih. Il-membri approvaw.

KUNSILL LOKALI PAOLA

4. **Sejħiet għall-offerti**

4.1. Il-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi kienu ser jiskadu xi tenders u hemm bżonn illi:

4.1.1. Jiġġedded it-Tender tal-*Parks & Gardens*
4.1.2. Jinħareġ Tender għall-Ġbir ta' l-Iskart
4.1.3. Jinħareġ Tender għall-Knis

Il-Membri approvaw.

4.2. Il-Kunsillier Roderick Spiteri ippropona li fid-dawl li dawn huma tenders importanti ħafna talab lis-Segretarju sabiex jgħaddi kopji tat-tenders lil membri tal-Kunsill sabiex ikunu jistgħu iwasslu l-kummenti tagħhom qabel ma jiġi ppublikat. Huwa qal li aħjar isir ħsieb sew fuq dan it-tender u jieħu aktar żmien biex joħroġ milli jinħareġ ta' malajr b'xi dettalji importanti nieqsa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kif ikollu d-dokument lest ser jgħaddih lil membri tal-Kunsill għall-kummenti/suġġerimenti tagħhom. Il-membri approvaw.

5. **Inizjattivi għall-annimali**

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi huwa flimkien mal-Kunsillier Tyrone Muscat kien iltaqa' mas-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes sabiex jaraw kif jistgħu isiru inizjattivi b'risq l-annimali. Il-Kunsillier Muscat qal ukoll li huwa kien attenda wkoll għal-laqgħa oħra dwar drittijiet ta' l-annimali fejn kien wassal numru ta' dokumenti dwar dan is-suġġett lil Kunsill. Kompla billi qal ukoll li hemm bżonn inżidu tabelli bin-numri ta' l-ambulanza ta' l-annimali u b'informazzjoni oħra b'rabta mad-drittijiet ta' l-annimali. Il-Kunsillier Muscat qal ukoll li nistgħu inżidu xi djar tal-qtates u s-Sindku talbu biex jagħmel ftit riċerka u jipproponi postijiet għal dawn id-djar tal-qtates.

5.2. Il-Kunsillier Muscat qal ukoll li fil-laqgħa li sargħet mal-On. Roderick Galdes ġiet diskussa l-possibbiltà li isir xi *park* għall-annimali fil-lokalita simili għal dak ta' Ta' Qali. L-Onorevoli Galdes offra li f'każ li l-Kunsill ikollu xi spazju partikolari is-Segretarjat ikun jista' jieħu f'idejh id-disinn u l-ippjanar ta dan il-post.

KUNSILL LOKALI PAOLA

## 6. Gate ta' ħdejn il-Paola Wolves

6.1. Is-Sindku informa lil membri illi dwar din il-grada kienet ser issir laqgħa mad-diriġenti tal-ħabs anke fid-dawl tal-proġett tal-pjazza u l-*green corridor* li hemm pjanat għall-wara l-ħabs. Kompla billi qal li l-problema kienet qed tinqala minħabba l-fatt illi hemm minn qed jgħalaq il-grada filwaqt li l-bieb ta' isfel jibqa' miftuħ. Dan kien qed joħloq inkonvenjent. Wara li iddiskutew dan il-membri qablu li l-grada għandna tibqa miftuħa.

## 7. Komunikazzjoni mis-Sindku

7.1. Is-Sindku Dominic Grima informa lil membri li sfortunatament baqgħu deħlin l-ilmenti fuq l-indafa, is-servizz tal-knis u l-latrini tal-lokalita. Il-Kunsillier Seychell saħaq li importanti li meta jidħlu dawn l-ilmenti ninfurmawh bihom ukoll. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil kunsillier Seychell li l-istaff tal-Kunsill kontinwament ikunu f'kuntatt mal-kuntratturi bl-ilmenti li jaslu. Il-Kunsillier Lynch saħansitra saħaq li nies marru fid-dar tieghu jilmentaw li t-toilet tal-persuni b'diżabilità kien magħluq. Is-Sindku saħaq li ma jistax jifhem għalfejn ma nistawx insolvu dawn il-problemi li ma jridux xogħol kbir speċjalment fid-dawl li daqt jibda ix-xogħol fuq latrina ġdida. Il-Kunsillier Seychell xtaq iżid illi dawk li joqogħdu fil-bini ta' l-A3 Towers mhux jikkoperaw mas-sistemi tal-Kunsill. Il-Kunsillier Ivan Bartolo saħaq li binjiet simili suppost koperti bil-liġi li jkollhom post taħt l-art fejn jinġabar dan l-iskart umbagħad jinġabar mill-kollettur.

## 8. Skeda tal-Pagamenti

8.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 12 għas-somma ta' €71,908.21.

## 9. Aġġornament

9.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-7:45pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 23 ta' Frar 2016.

Kurt Scerri
Segretarju Eżekuttiv

Dominic Grima
Sindku